MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Talba Numru. 243/2007

**Pawlu Scicluna u Guza Scicluna**

**vs**

**Joseph Mifsud u Josephine Mifsud**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba ta` l-atturi ghal hlas ta' (€861.87) ekwivalenti ghal Lm370 rapprezentanti rizarciment ghad-danni subiti minhabba umdita', kondensazzjoni u ilmijiet subiti fl-2003, kkawzati mil-konvenuti fil-*garage* taghhom fil-*garage* li ghandhom fi Trejqet San Frangisk, Zabbar ikkawzaw hsarat fil-proprjeta' ta' l-atturi, liema hsara giet ikkonstatata mill-Perit Renato Laferla u rikonoxxuta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Sede Kriminali b'sentenza tat-28 ta' Gunju, 2006.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali tal-25 ta' Marzu, 2005 u ta' l-ittri interpellatorji tas-7 ta' Settembru, 2006,

tad-19 ta’ Settembru, 2006 u dawn kollha bl-imghaxijiet il-konvenuti jkunu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta sollevata mill-konvenuti fejn intqal illi *in linea* preliminari l-istess attur ghandu jgib il-provi li l-istess attur kien notifikat b’ittra ufficcjali indikati ghax mankanti tali notifika l-azzjoni *ormai* preskritta *ai termini* ta` l-artiklu 2149 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi *in substantia* ghandu jinghad li l-konvenut m’ghandux jirrispondi ghal ebda danni ghax bl-ebda mod ma wera imperizia, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti  kollha pprezentati fl-atti tal-kawza.

Sema` x-xhieda ta’ Guza Scicluna, Pawlu Scicluna, Perit Renato Laferla.

Ra illi l-konvenut Joseph Mifsud deher darba biss u la hu u lanqas l-avukat difensur tieghu ma dehru ghas-seduti sussegwenti.

It-Tribunal ta opportunita’ lill-konvenut jipprezenta l-kaz tieghu, liema opportunita’ ma ttehdietx. Illi l-kawza thalliet ghal provi konvenuti fin-nuqqas ghat-trattazzjoni.

L-attur irrimetta ruhu ghall-provi.

IKKUNSIDRA

Illi din il-kawza titratta dwar allegati danni subiti fil-proprjeta’ ta` l-atturi kawza ta’ umdita’, ilmijiet u kondensazzjoni provenjenti mill-hajt tal-*garage* tal-konvenuti, liema hsarat gew ikkonstatati mill-Perit Renato Laferla u rikonoxxuti mill-Qorti tal-Magistrati, Sede Kriminali b’sentenza tat-28 ta’ Gunju, 2006. It-talba giet ikkontestata fil-mertu *in oltre* illi l-konvenuti preliminarjament issollevaw il-preskrizzjoni ai termini ta` l-artiklu 2149(a) tal- Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

It-Tribunal ha nota ta` l-ittri ufficcjali tal-25 ta’ Marzu, 2003 u t-22 ta’ Marzu, 2005 u li dawn gew notifikati skond il-ligi. Ghaldaqstant l-azzjoni tal-preskrizzjoni, giet interrotta.

Illi t-Tribunal ha jipprocedi billi jiddeciedi dwar il-mertu.

Sema` l-attrici u l-attur jikkonfermaw il-hsarat subiti fil-proprjeta’ taghhom, precizament ma` l-hajt divizorju bejn il-partijiet. Jidher illi l-konvenut kellu Refrigeration Unit ma` l-hajt divizorju li kkawza umdita’, ilmijiet u kondensazzjoni fil-proprjeta’ ta` l-atturi.

Sema` l-Perit Laferla jikkonferma r-rapport maghmul minnu wara l-inkarigu li nghata lilu mill-Qorti tal-Magistrati, fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Mifsud fejn qal illi huwa kien ra l-hsarat subiti mill-atturi li kienu kkawzati minn *air conditioning unit* li kienet qed tipperikolha xi ilmijiet ghal ma` l-hajt divizorju. Spjega wkoll kif dan l-*air conditioning unit* kien jigi uzat b’temperatura baxxa hafna u kien qieghed jifforma kondensazzjoni ma` l-hajt u b’hekk kien trabba l-ilma fil-hajt tan-naha l-ohra. Qal ukoll illi l-konvenuti kienu jhallu dan il-unit b’temperatura baxxa hafna peress illi kienu juzawh ghal bejgh tal-haxix. Il-konstatazzjoni tal-Perit giet rikonnoxxuta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Sede Kriminali b’sentenza tat-28 ta’ Gunju, 2006.

Ra illi l-konvenuti naqsu milli jressqu l-provi taghhom minkejja diversi opportunitajiet moghtija lilhom.

It-Tribunal huwa sodisfatt bil-provi migjuba mill-atturi kif ukoll huwa fermament konvint mill-verzjoni moghtija minnhom. Ghaldaqstant, it-talba taghhom timmerita akkoljiment.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta’ u jiddecedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna l-konvenuti ihallsu lill-atturi is-somma ta’ €861.87 ekwivalenti ghal Lm370, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi mill-25 ta’ Marzu, 2003 sa l-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------